



Brussell, 6 ta' Diċembru 2024
(OR. en, de)

16533/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonal:
2022/0396(COD)

CODEC 2279
ENV 1188
MI 1002
ENT 220
IND 548
CONSUM 343
COMPET 1186
AGRI 859
FOOD 129

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
= Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni minn Malta

Malta tirrikonoxxi l-importanza ta' din il-proposta leġiżlattiva, li għandha l-għan li taċċellera s-sostenibbiltà tal-imballaġġ u tnaqqas l-impatt tal-iskart mill-imballaġġ. Malta tixtieq tirrikonoxxi l-progress sinifikanti li sar f'diversi aspetti, bħall-eżenzjoni għal ċerti mikrointrapriżi mill-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u l-fattur ta' korrezzjoni tat-turiżmu.

Madankollu, Malta tinnota b'dispjaċir in-natura diskriminatorja tal-eżenzjoni mill-miri tal-użu mill-ġdid, li issa hija bbażata fuq il-prestazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart tal-Istati Membri aktar milli fuq il-prestazzjoni tal-operaturi ekonomiċi fil-mira.

L-obbligu li s-Sistemi ta' Rifużjoni tad-Depożitu ikollhom tikketta nazzjonali huwa problematiku wkoll għal Malta, peress li ser iżid il-piżijiet loġistiċi u amministrattivi għad-distributuri lokali li jiddependu ħafna fuq ix-xorb importat.

Fl-aħħar nett, Malta tinsab imħassba dwar kif l-Istati Membri, speċjalment l-Istati Membri iż-ġejja, ser ikunu jistgħu jilħqu l-miri legalment vinkolanti għat-taqqsu tal-iskart mill-imballaġġ, b'mod partikolari dik tal-2030, b'mod partikolari peress li ċerti rekwiżiti armonizzati dwar l-Operaturi Ekonomiċi fl-Anness V ċew dilwiti u l-iskadenza għall-implimentazzjoni tagħhom għiet estiża sal-2030.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija tappoġġa l-objettiv li jiġu stabbiliti miżuri ċari, ambizzjużi u infurzabbi fil-qasam tal-imballaġġ u li tīgħi pprovduta ċertezza legali. Madankollu, ir-regolament dwar l-imballaġġ ma jiksibx dan l-għan kompletament. Ma hemmx bilanċ bejn il-protezzjoni ambientali, il-piż-amministrattiv u l-kompetittività.

Hemm tħassib dwar:

- piż-amministrattiv għoli u żidiet fl-ispejjeż mingħajr ebda beneficiċċi ambientali evidenti, pereżempju fil-qasam tal-użu mill-ġdid,
- il-miżuri kumplessi ta' implementazzjoni meħtieġa mir-regolament u
- problemi ta' infurzar, eż. fir-rigward tar-responsabbiltà tal-produttur fejn jidħlu pajjiżi terzi.

Il-kontenut speċifiku tar-regoli għandu jkun riżervat għall-forma legali ta' direttiva.

B'reżultat ta' dan it-tħassib, l-Awstrija ser tastjeni mill-vot finali.